MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 7/2014

**Go plc**

**Vs**

**Simon Baldacchino**

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-ghaxra ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (10.03.2014) fejn il-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' tliet mija u wiehed u erbghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€341.52), liema ammont huwa dovut bi hlas ghal servizzi DSL-21566772 bil-kont numru 40111701. Dan bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra r-riferta originarjament negattiva tal-konvenut.

Ra d-digriet tieghu tat-tmienja ta' April tas-sena elfejn u erbatax (08.04.2014) fejn awtorizza illi n-notifika ssir bl-affissjoni u l-publikazzjoni.

Ra ir-riferti a fol. Tergo sebgha (7) tal-process kif ukoll il-publikazzjoni li saret fil-Gazzetta tal-Gvern fil-hdax ta' April tas-sena elfejn u erbatax (11.04.2014) (a fol 13 tal-process) u dik li saret f'l-Orizzont tal-hmistax ta' April tas-sena elfejn u erbatax (15.04.2014) ( a fol. 15 tal-process).

Sema` x-xhieda ta' Emanuel Cini.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tmienja ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (08.05.2014) li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi f'dan il-kaz il-konvenut ma' prezentax risposta u lanqas deher biex jikkontesta t-talbiet tal-kumpanija attrici. Il-konvenut gie notifikat permezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni. Dan sar f'dati differenti u l-ahhar data cioe' l-pubblikazzjoni f'l-Orizzont, saret fil-hmistax ta' April tas-sena elfejn u erbatax (15.04.2014).

Illi t-Tribunal wara li sema' lil Emanuel Cini jikkonferma illi d-debitu ghadu ma giex saldat u wara li ra l-*istatement* esebit, jidirlu illi t-talba attrici hija wahda gustifikata

Fic-cirkostanzi ghalhekk, u fil-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jilqa' t-talba tal-kumpanija attrici in toto.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' din it-talba, jikkundanna lill-konvenut ihallas lil kumpanija attrici is-somma ta' tliet mija u wiehed u erbghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€341.52). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali imsemmija fl-avviz tat-talba jkunu a' karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------